

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-518 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE TAD-13 U L-14 TA' LULJU 2016

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-impatt fuq setturi industrijali ewlenin (u fuq l-impjeggi u t-tkabbir) li ċ-Ċina tiġi potenzjalment trattata bħala ekonomija tas-suq (għall-fini ta' strumenti għad-difiża tan-negozju)”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2016/C 389/02)

Relatur: is-Sur Andrés BARCELÓ DELGADO

Korelatur: is-Sur Gerald KREUZER

Nhar il-21 ta' Jannar 2016, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“L-impatt fuq setturi industrijali ewlenin (u fuq l-impjeggi u t-tkabbir) li ċ-Ċina tiġi potenzjalment trattata bħala ekonomija tas-suq (għall-fini ta' strumenti għad-difiża tan-negozju)”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-22 ta' Ġunju 2016.

Matul il-518-il sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-13 u l-14 ta' Lulju 2016 (seduta tal-14 ta' Lulju 2016), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'194 vot favur, 4 voti kontra u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Diffiċilment jiġi aċċettat li ċ-Ċina topera taħt kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq, minħabba li tonqos milli tissodisfa erbgħa mill-ħames kriterji stabbiliti mill-prattika Kummissjoni, u lanqas tirrifletti l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament bażiku (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009).

1.2. Il-KESE jagħraf li, minkejja li s-sorsi jipprovdu riżultati differenti, jekk aħna nitilfu l-għodod biex niżguraw kummerċ ħieles u ġust maċ-Ċina, sre jintilfu ċifra inaċċettabbli ta' mijiet ta' eluf ta' impjeggi.

1.3. It-telf ikun ikkonċentrat f'ċerti setturi u reġjuni li jkunu affettwati b'mod qawwi, bħall-aluminju, ir-roti, iċ-ċeramika, l-elettrodi, il-liġi tal-ħadid, il-ħġieġ, il-karta, il-pannelli solari, l-azzar u t-tajers. Aktar studji settorjali u ġeografiċi huma għalhekk irrakkomandati.

1.4. Is-setturi milquta huma prinċipalment il-produtturi jew il-konsumaturi ta' oġġetti intermedji u, b'riżultat, il-konsumaturi privati probabbilment ma jibbenefikawx mit-tnaqqis tal-miżuri antidumping.

1.5. Setturi industrijali li jikkonsmaw prodotti li jkunu s-suġġett ta' dumping jibbenefikaw mill-importazzjoni ta' importazzjonijiet sussidjati fuq terminu medju. Madankollu, fuq perjodu medju dawn jistgħu jkunu wkoll friskju, peress li ċ-Ċina qiegħda tippromovi wkoll setturi downstream b'valur miżjud. In-nuqqas ta' riżultati taċ-Ċina fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali f'dan is-sens huwa wkoll ta' theddida.

1.6. L-impjiegi industrijali, ladarba jintilfu, rari jerġgħu jiġu stabbiliti. Jekk l-individwi milquta jirnexxielhom isibu impjieg, x'aktarx li dawn ikollhom pagi iktar baxxi f'pożizzjonijiet fejn il-ħiliet tagħhom ma jitqisux ta' valur. Is-sostituzzjoni ta' impjiegi ta' kwalità fl-industrija b'impjiegi mhux siguri u bi ħlas baxx jirriskja wkoll li jiżdedu l-inugwaljanzi fis-soċjetà tagħna.

1.7. Għaldaqstant il-KESE jikkunsidra li l-ġhotti tal-istatus ta' ekonomija tas-suq għaċ-Ċina tipperikola serjament il-bażi tal-industrija u l-impjiegi tal-manifattura fl-UE. Dan ser jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà li jippermetti t-tnedija mill-ġdid tal-industrija Ewropea permezz ta' impjiegi ta' kwalità għolja u stabbli u l-introduzzjoni u t-tixrid tal-innovazzjoni teknoloġika, ir-riċerka u l-iżvilupp, kollha fatturi prinċipali biex tiġi żgurata sistema soċjali u ekonomika Ewropea li tkun dinamika u sostenibbli.

1.8. F'dan il-kuntest, l-ġhotti tal-istatus ta' ekonomija tas-suq għaċ-Ċina jipperikola serjament l-eżistenza tad-distretti industrijali u s-sistemi ta' produzzjoni lokali tal-SMEs fejn il-produzzjoni tiġi mhedda minn Prattiki Inġusti ta' Kompetizzjoni miċ-Ċina. Dan joħloq ir-riskju li tintilef il-produzzjoni ta' SMEs speċjalizzati u l-impjiegi speċjalizzati ħafna fuq skala żgħira li huma l-bażi tal-istruttura Ewropea tal-manifattura.

1.9. Il-KESE jitlob lill-KE, lill-PE u lill-Kunsill biex jippromovu kompetizzjoni internazzjonali ġusta, bħala mod biex dawn l-impjiegi u l-valuri tas-soċjetà Ewropea jiġu difiżi b'mod attiv u jissaħħu l-introjtu u l-ġid fl-Unjoni Ewropea.

1.10. Id-difiża ta' dawn l-impjiegi tal-UE u investiment relatati mhux talli tagħmel sens mil-lat ekonomiku talli trawwem ukoll sostenibbiltà soċjali u ambjentali. Ir-rilokazzjoni tal-produzzjoni minn siti tal-produzzjoni effiċjenti ħafna fir-riżorsi u fl-enerġija fl-Ewropa għal ekonomija Ċiniża bbażata fuq il-faħam tiffrustra l-ambizzjonijiet tagħna dwar it-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli. Ir-rispett tad-drittijiet tax-xogħol u tal-bniedem jibqa' wkoll problematiku fiċ-Ċina.

1.11. Din id-difiża trid tikkonforma mal-liġi Ewropea u t-trattati internazzjonali. Din għandha ssaħħaħ ukoll is-sodisfazzjon tal-ftehimiet minn partijiet terzi u tqis in-negozjati li saru ma' imsieħba kummerċjali kbar bħall-Istati Uniti. Strumenti tad-difiża tan-negozju effiċjenti jiżguraw kompetizzjoni ġusta. Huma meħtieġa għall-ġejjieni tal-industrija Ewropea u biex tiġi appoġġjata l-mira li l-industrija tiżded bħala perċentwali tal-PGD għal 20 %.

1.12. Sakemm iċ-Ċina ma tissodisfax il-ħames kriterji tal-UE meħtieġa biex tikkwalifika bħala ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni għandha tuża metodoloġija mhux standardizzata finvestigazzjonijiet antidumping u antisussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet Ċiniżi, f'konformità ma' dak li fadal mit-Taqsima 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni mal-WTO taċ-Ċina.

1.13. Iż-żamma tal-industriji fl-UE hija l-bażi għal netwerks tar-R&Ż b'saħħithom, li huma kruċjali għat-tkabbir futur u għas-sejba ta' soluzzjonijiet għall-"isfidi soċjetali kbar" tagħna (tixjiħ, enerġija, klima, kura tas-saħħa u mobbiltà).

1.14. L-SMEs m'għandhomx ir-riżorsi biex iniedu azzjonijiet antidumping jew biex jikkollaboraw bis-sħiħ mal-KE fl-investigazzjonijiet tagħha. Il-KESE jitlob approċċ semplifikat għas-setturi fejn il-parteċipazzjoni tal-SMEs hija rilevanti.

1.15. Waqt li tirrikonoxxi l-importanza strateġika ta' din il-kwistjoni, din l-opinjoni hija biss il-bidu u mhux it-tmiem tal-involvement tal-KESE. Il-KESE beħsiebu jiżviluppa impenn kontinwu u jirrakkomanda li jinħoloq proġett tal-KESE dwar l-istatus ta' ekonomija tas-suq għaċ-Ċina sabiex il-Kumitat ikun jista' jissorvelja din il-kwistjoni fisem is-soċjetà ċivili. Għandhom jiġu allokati riżorsi adegwati għal dan il-kompitu.

2. Introduzzjoni

2.1. Skont ir-regoli tal-WTO, pajjiż jista' jimponi dazji antidumping, minbarra t-tariffi, fuq prodotti minn pajjiżi terzi, jekk investigazzjoni turi li dawn il-prodotti jidħlu fil-pajjiż bi prezzijiet iktar baxxi minn dawk domestiċi, fejn jinħoloq dannu għall-industrija lokali. Meta ċ-Ċina nqas għadet mal-WTO f'Diċembru 2001, arranġament tranżitorju għall-adeżjoni tagħha ppermetta li ċ-Ċina tiġi ttrattata bħala ekonomija mhux tas-suq fi proċedimenti antidumping fil-każ li d-ditti Ċiniżi ma setgħux juru li huma operaw f'konformità mal-prinċipji tas-suq ħieles. L-istatus attwali ta' ċ-Ċina ta' ekonomija mhux tas-suq joffri l-għażla li jintużaw prezzijiet ta' pajjiż simili iktar milli prezzijiet domestiċi (li f'ekonomiji mhux tas-suq ikunu baxxi b'mod artifiċjali minħabba intervent mill-Istat) biex jiġi kkalkulat il-marġni ta' dumping. L-użu ta' metodoloġiji tal-ekonomija mhux tas-suq huwa deskritt fit-Taqsima 15 tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-WTO ta' ċ-Ċina, iżda d-dispożizzjoni 15(a)(ii) ser tiskadi f'Diċembru 2016. Din l-iskadenza ser tobligha lill-KE tbiddel il-metodoloġija li tiddetermina l-komparabilità tal-prezzijiet f'faġls tal-antidumping.

2.2. L-opinjoni tal-KESE tiffoka fuq l-impatt fuq l-industrija u l-impjeggi tal-UE li jista' jirriżulta mill-għoti possibbli ta' status ta' ekonomija tas-suq li ċ-Ċina u l-bidla fil-metodoloġija użata għall-istrumenti tad-difiża tan-negozju. Din hija indipendenti mid-diskussjoni legali, peress li l-KESE jqis dan is-suġġett bħala ferm importanti għall-industrija tal-UE u l-impjeggi marbuta magħha.

2.3. Il-Parlament Ewropew approva b'maġġoranza vasta riżoluzzjoni li ssejjaħ għal metodoloġija mhux standardizzata li tikkonforma mal-Protokoll ta' Adeżjoni ta' ċ-Ċina, filwaqt li tkun kapaċi tistabbilixxi b'mod effikaċi qafas ta' kummerċ ħieles u ġust.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Dwar l-ekonomija l-KESE jinnota li:

3.2. iċ-Ċina esperjenzat tkabbir bla preċedent fl-aħħar 15-il sena li biddel ix-xenarju industrijali u kummerċjali globali. Il-mudell ta' tkabbir Ċiniż kien ibbażat fuq l-investiment, b'din l-attività tammonta għal 46 % tal-PDG tagħha fl-2015, skont l-FMI. Din iċ-ċifra taqbeż is-sehem ta' investiment f'ekonomiji żviluppata oħra bħall-UE (19 %) u l-Istati Uniti tal-Amerika (20 %).

3.3. Id-daqs u l-veloċità tal-bidliet fil-maġġoranza kienu mmexxija mill-Istat. Il-KESE jagħraf li ċ-Ċina mhijiex ekonomija tas-suq kif definita mill-UE, u hemm kunsens ġenerali dwar il-kwistjoni 'l barra mill-istituzzjoni. Bħalma jirrapporta l-Bank Dinji, "l-Istat interferixxa b'mod estensiv u dirett fl-allokazzjoni tar-riżorsi permezz ta' kontrolli amministrattivi u tal-prezz, garanziji, linji gwida dwar il-kreditu, sjieda persważiva ta' istituzzjonijiet finanzjarji⁽¹⁾, u politiki regolatorji".

3.4. Hemm diversi eżempji ta' eċċessi fl-iżvilupp Ċiniż. Il-pajjiż ikkonsma 6,6 biljun tunnellata ta' siment bejn l-2011 u l-2013, iktar milli l-Istati Uniti tal-Amerika fis-seklu 20 kollu (4,4 biljun). Dan ifisser li, fi tliet snin, iċ-Ċina użat siment daqs kemm kien meħtieġ biex jinbnew l-Istati Uniti tal-Amerika fuq seklu. Minbarra l-użu ineffiċjenti ta' riżorsi, inbniet kapacià industrijali kbira biex tipproduċi tali kwantità ta' materjali f'perjodu qasir ħafna.

3.5. Iċ-Ċina bdiet tibdel il-mudell tagħha lejn iktar konsum u tkabbir orjentat lejn is-servizz. L-ekonomija qed tiffaċċja riċessjoni, u dan ifisser li parti sinifikanti tal-output tal-industrija peżanti Ċiniża mhix ser issib konsumaturi fiċ-Ċina.

3.6. Il-Kamra Ewropea tal-Kummerċ fiċ-Ċina tirrapporta li diġà dehret kapacià żejda sinifikanti fi prodotti bħal azzar mhux maħdum, aluminju, siment, sustanzi kimiċi, bini ta' dgħajjes, raffinar, folji tal-ħġieġ, karta u kartun. Il-gvern Ċiniż jagħraf dan u ddeċieda li jaqta-kapacià tal-azzar b'100 miljun għal 150 miljun tunnellata sal-2020⁽²⁾, u l-produzzjoni tal-faħam b'500 miljun tunnellata matul l-istess perjodu⁽³⁾.

⁽¹⁾ Il-Bank Dinji, China Economic Update (Aġġornament Ekonomiku dwar iċ-Ċina), Ġunju 2015

⁽²⁾ Curb to be placed on metal overcapacity (Restrizzjoni li titqiegħed fuq il-kapacià żejda tal-metall), English.gov.cn, Frar 2016.

⁽³⁾ Coal capacity guideline issued (Ħarġet linja gwida dwar il-kapacià tal-faħam), English.gov.cn, Frar 2016.

3.7. Irrispettivament minn dawn l-intenzjonijiet, it-tnaqqis tal-kapaċità totali ser ikun komputu fuq terminu twil. Il-fabbriki li nġhalqu f'dawn l-aħħar għaxar snin ġew sostitwiti minn oħrajn moderni u iktar produttivi u l-problema sempliċiment kibret iktar. Id-domanda mid-djar għall-oġġetti intermedji qatt mhu ser tieħu post id-domanda industrijali.

3.8. L-UE ħtieġet proċess twil u diffiċli biex issolvi din il-problema fis-snin tmenin u disgħin, u m'hemm l-ebda soluzzjoni ta' malajr għaċ-Ċina lanqas.

3.9. Għalhekk, kombinazzjoni ta' kapaċità żejda u domanda domestika dgħajfa qed twassal għal eċċess ta' produzzjoni, li mbagħad jipprova jsib triqtu fi swieq internazzjonali.

3.10. Il-KESE jindika d-data li tikkonċerna l-esportazzjonijiet Ċiniżi.

3.10.1. Skont il-WTO, iċ-Ċina hija l-ikbar esportatur ta' manifatturi madwar id-dinja, b'sehem ta' 18 %. Dan is-sehem żdied b'20 % mill-2010. Matul l-2014 l-esportazzjonijiet Ċiniżi kibru b'6 % filwaqt li fil-kumpliment tad-dinja żdiedu bi 3,5 %. Jekk nanalizzaw il-perjodu 2010-2014, iż-żieda kienet ta' 49 % fiċ-Ċina, id-doppju taċ-ċifra għall-kumpliment tad-dinja.

3.10.2. Data mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika taċ-Ċina turi li l-prodotti bl-iktar tkabbir b'saħħtu fl-2014 kienu ż-żingu u l-liga taż-żingu (+ 2 360 %), il-qoton (+ 100 %), il-kokk (+ 82 %), id-dijodi u semikondutturi oħra (+ 61 %) u l-azzar irromblat (+ 50 %). Mill-2010, l-esportazzjonijiet tal-qoton, tal-azzar irromblat u tad-dijodi u semikondutturi oħra rduppjaw, filwaqt li l-bejgħ tal-kokk, taż-żingu u tal-liġi taż-żingu ttriplikaw fil-volum.

3.10.3. Din it-tendenza 'l fuq fl-esportazzjonijiet hija mistennija li tkompli fil-ftit snin li ġejjin, hekk kif il-previżjonijiet jindikaw tnaqqis fid-domanda domestika Ċiniża. Jekk l-istrument għad-difiża tan-negozju Ewropej huma iktar dgħajfa b'mod sinifikanti minn dawk tal-imsieħba kummerċjali tagħna, l-esportazzjonijiet attwali miċ-Ċina lejn in-NAFTA jew il-Ġappun jistgħu jiġi diretti lejn l-UE.

3.10.4. Dan il-mudell ta' tkabbir immexxi mill-esportazzjoni ħoloq defiċit kbir ta' EUR 137 biljun (EUR 48,8 biljun fl-2000) fuq il-bilanċ ta' kummerċ ta' oġġetti tal-UE, bl-importazzjonijiet tal-UE miċ-Ċina jkunu d-doppju tal-esportazzjonijiet tagħha lejn iċ-Ċina.

3.10.5. Huwa f'dan il-kuntest li iċ-Ċina nediet l-inizjattiva "One Belt One Road" (OBOR) sabiex tinħoloq infrastruttura tat-trasport (ferrovija-awtostrada u marittima) fiż-żona Ewro-Ażjatika, bil-għan prinċipali li l-kumpaniji Ċiniżi jkollhom aċċess, f'termini ta' antikompetittività, għas-swieq Ewro-Ażjatiċi involuti fl-inizjattiva u biex dawn jintużaw bħala swieq ġodda għal setturi bi produzzjoni eċċessiva. L-għoti tal-istatus ta' ekonomija tas-suq ser jirrappreżenta riskju konsiderevoli għall-kumpaniji Ewropej ta' dawk l-Istati Membri tal-UE involuti fl-inizjattiva OBOR.

3.11. Fatti dwar il-prattiki ta' dumping

3.11.1. Din iż-żieda f'daqqa fl-esportazzjonijiet Ċiniżi nkisbet parzjalment permezz ta' Prattiki Inġusti, kif muri minn diversi każijiet ta' dumping imressqa skont ir-regoli tal-WTO.

3.11.2. Iċ-Ċina hija l-pajjiż l-iktar milqut mill-miżuri antidumping. Kienet il-mira ta' 34 % ta' investigazzjonijiet kummerċjali, fejn ġew imposti 667 miżura. Fl-2015 biss, kien hemm fis-seħħ jew tnediu 76 miżura antidumping kontra iċ-Ċina.

3.11.3. 67 % tal-miżuri antidumping adottati kontra iċ-Ċina kienu jirrigwardaw industrijha bħal tessuti u oġġetti tal-ħwejjeġ, ċeramika u ħġieġ, metalli bażiċi, plastik, makkinarju u tagħmir elettriku u petrokimiċi. Is-sena l-oħra, 79 % tal-miżuri imposti fuq iċ-Ċina kellihom fil-mira tagħhom dawn is-setturi.

3.11.4. L-UE hija waħda mill-parteċipanti l-iktar attivi fil-kummerċ dinji, fejn tammonta għal 15,8 % tat-total, iżda ġew adottati biss 133 miżura antidumping kontra r-reġjun. Dan huwa ekwivalenti għal 7 % tal-każijiet madwar id-dinja. Iċ-Ċina, b'kuntrastrast ma' dan, hija l-mira ta' 47 % ta' dawn il-miżuri u fl-2015 biss din ġiet ippenalizzata fi tliet każijiet.

4. Kummenti speċifiċi dwar it-telf tal-impjeg fl-Ewropa

4.1. *Setturi milquta direttament*

4.1.1. Minn prospettiva teoretika, status ta' ekonomija tas-suq għaċ-Ċina jkollu effetti ta' benessri negattivi fuq l-UE. Il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ hija ta' importanza ewlenija għall-UE. Din għandha effetti ta' netwerk pożittivi, minkejja li dejjem ikun hemm setturi li jbatu bħala riżultat ta' dan.

4.1.2. F'dan il-każ, il-KESE jirrimarka li dan mhuwiex proċess ta' negozjar b'ostakoli li jitneħħew miż-żewġ naħat. Iċ-Ċina mhi ser tagħti xejn lura, filwaqt li l-UE tnaqqas b'mod unilaterali l-abbiltà tagħha biex tpaċi d-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mill-appoġġ inġust mogħti mill-gvern ċentrali u lokali taċ-Ċina.

4.1.3. Il-KESE sab li l-impjegji industrijali diġà ġew ittrasferiti l barra mill-Ewropa. Bejn l-2000-2014, l-industriji Ewropej tilfu 6,7 miljun ħaddiem, 12 % taċ-ċifra inizzjali ta' 56,3 miljun. Matul l-istess perjodu l-indiċi tal-volum tal-importazzjoni żdied b'144 %. Ir-riċerka fl-Istati Uniti, b'settur industrijali iżgħar minn dak tal-UE, turi li bejn l-1999 u l-2011, madwar 985 000 impjeg industrijali ntilfu minħabba l-penetrazzjoni ikbar tal-importazzjonijiet Ċiniżi ⁽⁴⁾.

4.1.4. It-telf ta' impjegji ma seħħx biss f'industriji bażiċi iżda wkoll f'industriji innovattivi. L-industrija avvanzata tat-telefonija ċellulari sparixxiet. F'industrija vitali għall-futur tagħna bħall-pannelli fotovoltajċi, 34 manifattur applikaw għal insolvenza bejn l-2010 u l-2012, tnejn minnhom ħarġu min-negozju solari, ħamsa għalqu l-produzzjoni totalment jew parzjalment u tlieta ġew akkwiżiti minn investituri Ċiniżi ⁽⁵⁾.

4.1.5. Hemm setturi li huma ta' importanza strateġika fil-pjani ta' 5 snin taċ-Ċina li jinsabu b'mod partikolari f'riskju: l-aluminju, ir-roti, iċ-ċeramika, il-ħġieġ, il-parts tal-vetturi bil-mutur, il-karti u l-azzar.

4.1.6. Twettqu valutazzjonijiet ta' impatt minn diversi istituzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea kkummissjonat studju iżda dan ma ġiex ippubblikat, li jagħmilha impossibbli għall-KESE biex janalizza l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni urġenti.

4.1.7. L-Istitut ta' Politika Ekonomika jqis id-dannu xi mkien bejn 1,7 u 3,5 miljun impjeg tal-UE f'riskju. Din l-istima hija bbażata fuq mudell ta' input-output li jqis telf dirett (milqut direttament minn żieda fl-importazzjonijiet), telf indirett (industriji tal-fornituri u tal-ipproċessar għal dawk milquta direttament) u telf ta' nfiq mill-ġdid (derivat minn tnaqqis fl-introjt tal-unità domestika u spejjeż). L-iżvantaġġ prinċipali ta' dan l-istudju huwa li dan iqis l-effetti ta' kull importazzjoni Ċiniża, anke dawk f'setturi li mhuma affettwati bl-ebda mod.

4.1.8. Jekk jitqiesu biss l-industriji b'miżuri antidumping, it-telf tal-impjegji dirett u indirett ikun jinsab bejn 0,5 u 0,9 miljun. Skont ir-rapport, l-impjegji diretti totali ġġenerati mill-industriji vulnerabbli għal tluġh f'daqqa ta' importazzjonijiet li jkun s-suġġett ta' dumping huma ta' 2,7 miljuni.

4.1.9. L-istudju ma jikkalkula l-effett ta' nfiq mill-ġdid f'dawn is-setturi biss. Juri li l-impjegji f'riskju f'industriji relatati mal-antidumping jammontaw għal 60 % tal-impjegji fl-industriji tal-manifattura. Kieku dan l-istess proporzjon kellu jiġi applikat għall-effetti indiretti u ta' nfiq mill-ġdid, it-telf tal-impjegji ikun jinsab bejn 1,1 u 2,1 miljuni.

4.1.10. Rapport ieħor jirrifletti tliet studji kkummissjonati minn assoċjazzjonijiet tal-produtturi tal-azzar min-NAFTA dwar l-effetti ekonomiċi probabbli fuq il-pajjiżi tagħhom tal-ġhoti tal-istatus ta' ekonomija tas-suq liċ-Ċina. Ir-rapport jikkonkludi li, jekk it-tliet pajjiżi kollha tan-NAFTA jagħtu status ta' ekonomija tas-suq liċ-Ċina, id-domanda tax-xogħol tonqos b'bejn \$15-il biljun u \$32 biljun, li l-maġġoranza sseħħ fl-Istati Uniti. Dan jissarraf fi tnaqqis fl-impjegji stmat għal 0,4 sa 0,6 miljun.

⁽⁴⁾ For balanced trade EU – China (Għal kummerċ ibbilanċjat UE – Ċina), Socialists and Democrats, Marzu 2016

⁽⁵⁾ Fair competition (Kompetizzjoni ġusta), EuProSun

4.1.11. Iż-żewġ studji huma bbażati fuq mudelli makroekonomiċi ta' ekwilibriju ġenerali. Madankollu, kieku l-istudji ta' dan it-tip tmexxew separatament fuq żoni ekonomiċi bħall-UE u n-NAFTA, il-KESE jemmen li l-għoti unilaterali ta' status ta' ekonomija tas-suq liċ-Ċina kważi ċertament jirriżulta f'telf dirett tal-benessri li jwassal għal mill-inqas mijiet ta' eluf ta' telf tal-impjeg, u probabbilment eqreb lejn il-miljun persuna li jkollhom isibu mod differenti ta' kif jaqilgħu l-għajxien tagħhom.

4.1.12. Sabiex jivvalutaw il-probabbiltà ta' kemm jista' jseħħ dan it-telf, il-KESE jiġbed l-attenzjoni lejn diversi konsegwenzi rilevanti:

- Id-dumping ta' importazzjonijiet ma jseħħx biss fi prodotti attwalment soġġetti għal miżuri antidumping. Qegħdin jiġu studjati miżuri oħra, kemm mill-KE jew mill-produtturi. Hemm ukoll effett knock-on fost il-prodotti: ladarba tiġi imposta miżura antidumping, x'aktarx li l-esportaturi milquta jibdlu l-isforz ta' esportazzjoni tagħhom għal prodotti mhux koperti.
- L-effett ta' prezzijiet baxxi minħabba importazzjonijiet li jkunu s-suġġett ta' dumping fuq prodotti oħra mill-istess settur.
- Il-kapaċitajiet ta' manifattura, ladarba jintilfu, qatt ma jerġgħu jiġu stabbiliti, peress li l-ekosistema kollha madwar industrija partikolari tisparixxi wkoll.

4.1.13. Fir-rigward tal-ġeografija, il-KESE jtenni li l-impjegji li x'aktarx jintilfu mhumiex imqassma ġeografikament b'mod ekwu. Il-konċentrazzjoni tat-telf tal-impjeg f'ċerti żoni tista' tikkawża sitwazzjonijiet kritiċi f'dawk il-postijiet, minkejja li reġjuni oħra fl-Unjoni jistgħu ma jsofrux effetti kbar. Fil-pajjiżi l-aktar milquta jistgħu jitilfu sa 2,7 % tal-forza tax-xogħol tagħhom.

4.1.14. F'ħafna każijiet dawn l-impjegji huma f'installazzjonijiet industrijali kbar b'relazzjoni qawwija man-nisġa ekonomika u industrijali. Dan l-aħħar rajna telf sinifikanti f'setturi bħall-azzar fejn bosta eluf ta' impjegji jiddependu fuq kumpanija waħda u kellhom impatt soċjali drammatiku fuq il-komunitajiet tagħhom.

4.1.15. Il-KESE jisħaq ukoll fuq il-kwalità tal-impjegji industrijali: l-impjegji fil-manifattura huma fuq medja iktar stabbli u mħallsa aħjar minn impjegji f'setturi oħra tal-ekonomija. Fl-2014, il-KE indikat ⁽⁶⁾ li d-dħul fix-xahar għall-ħaddiema tal-manifattura huwa 5 % ogħla mill-medja ġenerali tal-UE. Fl-Istati Uniti l-pagi fil-ġimgħa fil-manifattura huma 8 % ogħla mill-impjegji mhux fil-manifattura. Dan id-dħul ogħla huwa r-riżultat ta' produttività ikbar.

4.1.16. L-industrija toffri impjegji ta' kwalità lil ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati u ħiliet medji, li għalihom tkun diffiċli ħafna li jsibu impjeg alternattiv bl-istess kundizzjonijiet tax-xogħol. Bħala tali, ir-rwol li qed jiċkien tal-industrija jikkontribwixxi għal inugwaljanzi fis-soċjetà tagħna.

4.1.17. Skont l-Istħarriġ dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Eurofound, ix-xogħol part-time huwa konsiderevolment inqas prevalenti fil-manifattura (12 %) meta mqabbel mal-medja tal-UE28 (24 %). Is-siġhat tax-xogħol fil-manifattura għandhom tendenza wkoll li jkunu iktar regolari u s-siġhat atipiċi huma konsiderevolment inqas prevalenti minn fl-ekonomija tal-UE kollha kemm hi ⁽⁷⁾.

4.1.18. Il-KESE jixtieq ukoll jevita r-riskju ta' dannu għall-ekosistema tal-għarfien: il-manifattura bla dubju hija s-settur bl-ikbar domanda għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u hemm tendenza dejjem tikber li l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp jiġu akkwistati minn kumpaniji ta' servizz iffokati fuq l-innovazzjoni ⁽⁸⁾. Skont l-Istudju tal-Konsorzju ECSIP, il-kontenut ta' servizz medju ta' oġġetti manifatturati prodotti fl-UE jilħaq qrib l-40 % tal-valur totali tal-oġġetti manifatturati finali prodotti. Il-maġġoranza ta' dawn is-servizzi hija servizzi ta' distribuzzjoni (15 %), trasport u komunikazzjoni (8 %) kif ukoll servizzi tan-negozju li jarjaw bejn inqas minn 10 % sa saħansitra 20 % u iktar madwar l-Istati Membri tal-UE. Din il-kategorija tal-aħħar tinkludi servizzi bħar-R&Ż, ir-reklamar u r-riċerka tas-suq, attivitajiet ta' inġinerija u servizzi tal-ICT.

⁽⁶⁾ European Working Conditions Surveys (Stħarriġiet Ewropej dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol).

⁽⁷⁾ ECSIP Consortium (Konsorzju ECSIP), 2014.

⁽⁸⁾ Id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni, PE, 2016.

4.1.19. Il-KESE diġà ħareġ opinjonijiet dwar ir-rilevanza tal-promozzjoni ta' standards regolatorji ogħla dwar il-proprjeta' intellettwali, minħabba n-nuqqas ta' konformita' ta' ċerti pajjiżi. Dan m'għandux jintnesa fid-disinn tal-politika kummerċjali tal-UE

4.2. *Setturi mhux milquta direttament mill-istrumenti għad-difiża tan-negozju:*

4.2.1. Valutazzjoni tal-impatt li b'mod unilaterali jingħata status ta' ekonomija tas-suq liċ-Ċina teħtieġ li tqis il-benefiċċji potenzjali f'setturi oħra, b'mod partikolari għall-konsumaturi ta' prodotti li għalihom iċ-Ċina għandha – jew qed tippjana li jkollha – attività ta' manifattura qawwija.

4.2.2. Ħafna mill-industriji milquta s'sissa huma manifatturi ta' oġġetti intermedji, jiġifieri oġġetti li huma pproċessati u kkombinati fi prodotti finali.

4.2.3. Il-produzzjoni industrijali globali għadha ma reġgħetx lura għal-livelli tagħha ta' qabel il-kriżi finanzjarja. B'hekk, hemm eċċess kbir ta' kapaċità industrijali u l-konsumaturi ta' prodotti Ċiniżi soġġetti għal miżuri antidumping ser ikunu jistgħu jiksbu l-provvisti tagħhom f'pajjiżi terzi mingħajr telf sinifikanti tal-kompetittività.

4.2.4. Jekk iċ-Ċina titħalla tkabbar is-sehem tas-suq tagħha b'mod inġust u tistabilixxi vantaġġ oligopolistiku, din bla dubju ser tuża dan iktar 'il quddiem biex terġa' tgħolli l-prezzijiet, li jwassal għal sofferenza għall-industriji tal-konsumaturi fl-UE. Iċ-Ċina diġà aġixxiet b'dan il-mod sabiex tagħti spinta lill-industriji lokali. Il-Parlament Ewropew⁽⁹⁾ jippreżenta evidenza ta' miżuri li jirrestrinġu l-kummerċ ta' riżorsi naturali li jista' jkiser ir-regoli tal-WTO. Fl-2009, iċ-Ċina introduciat il-Pjan tagħha ta' Żvilupp għall-Elementi Terrestri Rari 2009-2015, li jimponi kwoti tal-esportazzjoni għal elementi terrestri rari stabbiliti għal 35 000 tunnellata fis-sena. Is-sena ta' wara, il-prezzijiet ta' prodotti terrestri rari Ċiniżi ttriplikaw. Eżempju ieħor jista' jinsab fis-suq tal-elettronika, fejn iċ-Ċina tintaxxa l-esportazzjoni ta' parts b'mod iktar qawwi mill-prodotti lesti, sabiex tippoteġi l-assemblaġġ lokali ta' dispożittivi.

4.2.5. Dawn l-eżempji juru li l-politika Ċiniża tippromovi industriji b'kontenut ta' valur miżjud ogħla. Mingħajr l-abbiltà li jinfetħu każijiet antidumping, is-setturi bħall-manifattura ta' tagħmir jew ta' karozzi tispiċċa wkoll esposta għal kompetizzjoni inġusta. Iċ-Ċina għandha wkoll rekord ta' ksur ta' drittijiet ta' proprjeta' intellettwali, għaldaqstant lanqas il-privattivi ma jkun qas ta' qas ta' industriji innovattivi fi ħdan il-fruntieri tal-UE.

4.2.6. Fuq perjodu fit-tul, l-għoti ta' status ta' ekonomija tas-suq liċ-Ċina jkun ta' ħsara wkoll għall-katina ta' valur industrijali kollha minħabba l-impatt negattiv fuq l-innovazzjoni. Hemm twemmin komuni vast fl-UE li l-innovazzjoni hija l-uniku mod kif is-soċjetajiet tagħna jikkompetu ma' kompetituri bbażati purament fuq l-ispejjeż. Madankollu, l-innovazzjoni m'għadhiex qiegħda tiġi żviluppata fl-laboratorji iżolati. Minflok, stħarriġ tal-KPMG sab li 85 % ta' dawk li wiegħbu mill-industrija globali tal-metall jemmnu li s-sħubijiet ser jiffurmaw il-futur tal-innovazzjoni għall-organizzazzjoni tagħhom. Iktar minn tliet kwarti jgħidu li huma diġà impenjati f'mudelli tan-negozju iktar kollaborattivi ma' fornituri u konsumaturi. Għaldaqstant huwa impossibbli li wieħed jimmaġina industriji innovattivi tal-futur li ma jkunux jappartjenu għal netwerks ta' tagħrif.

4.3. *Introjtura tal-UE*

4.3.1. Fuq perjodu twil u irrISPettivament mill-evoluzzjoni tas-setturi individwali, il-ġid fl-UE ser jikber biss b'mod sostenibbli permezz ta' żvilupp solidu ta' introjtura disponibbli. Il-politiki attwali mill-Kummissjoni li jiffavorixxu l-impjeggi u l-investiment jirrikonoxxu dan il-fatt u għandhom jitqiesu meta jittieħdu deċiżjonijiet biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.

Brussell, l-14 ta' Lulju 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽⁹⁾ Id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni, PE, Brussell 2015.